MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta tad-29 ta' Novembru, 2007

Talba Numru. 54/2005

**Customs Services Limited – C 29290**

**-vs-**

**Joseph Mercieca – ID 29149G, ezercenti l-kummerc taht l-isem Gelateria Mezzan**

**Seduta tad-29 ta` Novembru 2007**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-Talba li biha s-socjeta` attrici t-talbet li l-konvenut ihallas is-somma ta` tmin mitt lira Maltin (Lm800) u dan billi s-socjeta` attrici taghti servizz in konnessjoni ma` *clearance* tad-dwana. Illi l-konvenut ghamel uzu ta` dawn is-servizzi u bi hlas ghal dan is-servizz ghadha dovuta s-somma ta` tmin mitt lira Maltin

(Lm800). Ghalkemm interpellat diversi drabi u minkejja promessi ta` hlas, il-konvenut baqa` ma hallasx l-ammont dovut u ghalhekk is-socjeta` attrici qieghda titlob il-hlas tal-imsemmija somma flimkien mal-imghax b'effett mid-data tal-prestazzjoni tas-servizz, jigifier fl-24 ta` Gunju 2003 sad-data ta` hlas relattiv u l-ispejjez ta` dawn il-proceduri.

Ra r-risposta tal-konvenut li biha wiegeb li l-azzjoni hija preskritta ai termini tal-Artikolu 544A tal-Kodici tal-Kummerc, liema zmien huwa perentorju kif preskritt bl-Artikolu 501 tal-istess kodici. Illi bla pregudizzju ghall-premess m'huwiex dovut lis-socjeta` attrici l-hlas pretiz minnha.

Illi l-eccipjent qatt ma ghamel ftehim jew wieghed il-hlas tal-ammont li qed jigi pretiz mis-socjeta` attrici fl-Avviz taghha.

Ha konjizzjoni tax-xhieda u affidavit ta` Anthony Zerafa u x-xhieda ta` Mark Ferris u Joseph Mercieca.

Ra d-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza.

**Ikkonsidra**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi s-socjeta` attrici tipprovdi servizz ta` *cargo clearing* u *freight forwarding* u hija pprovdit tali servizz konsistenti fi gbir ta` merkanzija mill-Italja, trasport tal-istess ghal Malta, *cargo handling*, hlas ta` dak dovut lill-Malta Maritime Authority, hlas tad-Dwana f'Genova, trasport lokali, *unstuffing* tat-*trailer* u hlas lill-fizzjali tad-Dwana u zammha tal-istess fil-*groupage depot* f'Hal Far.

Illi ta` dan is-servizz is-socjeta` attrici qieghda titlob il-hlas tas-somma ta` tmin mitt lira Maltin (Lm800) meta fil-fatt skond id-Dokument CS3 a` fol 37 tal-process, l-ammont preciz jigi seba` mija u disgha u disghin lira Maltin u tmienja u sittin centezmu (Lm799.86c).

Dan is-servizz gie pprestat f'Gunju 2003. Il-kawza odjerna giet ipprezentata fit-30 ta` Mejju 2005.

Il-konvenut qieghed iqajjem l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni kif kontemplata fl-Artikolu 544A tal-Kodici tal-Kummerc liema Artikolu jistabbilixxi preskrizzjoni ta` perjodu ta` sena minn meta jispicca l-vjagg fir-rigward ta` azzjonijiet ghall-hlas tan-noll relattiv.

Il-ligi taghna ma taghtix definizzjoni ta` *freight forwarder.* Ix-xoghol tieghu huwa varju u estensiv, mhux f'kull ftehim ifisser li huwa jkun qed jaghmel l-istess xoghol. F'dan ir-rigward tajjeb li ssir referenza ghal dak li qal Ramberg J fil-ktieb tieghu The Law of Freight Forwarding (FIATA publication 2002)

"The freight forwarder when looked upon in a legal perspective is sometimes referred to as a chameleon as he shifts colour to fit into the legal environment of his varying services."

Fil-kaz odjern huwa evidenti illi s-socjeta` attrici ma kienetx il-*carrier* u fil-fatt ix-xoghol li ghamlet hi huwa bazikament xoghol ta` intermedjarju li bl-operat taghha hija qabdet diversi persuni biex jaffettwaw id-diversi servizzi necessarji sabiex il-klijent jigi sodisfatt. Bazikament is-servizz moghti fil-kaz odjern jaqa` perfettament fid-deskrizzjoni moghtija mill-Qorti Ingliza fil-kawza 'C.A. Pisani & Co Limited vs Brown, Jenkinson & Co Limited' (1939 64Ll Lloyds report 340) fejn intqal illi l-*freight forwarders*

"Forward goods for you to the uttermost ends of the year. They do not undertake ……… they are simply undertaking to get someone else to do the work, and as long as they exercise reasonable care in choosing the person to do work, they have performed their contract."

Minn tali spjegazzjoni, johrog car illi fil-kaz odjern is-socjeta` attrici ghamlita mhux bhala trasportatrici izda semplicement bhala intermedjarja u sa certu punt, anke

bhala mandatarja tal-persuna li hi inkarigataha biex ghan-nom ta’ din l-persuna hija tkun tista` taffetwa l-varji servizzi necessarji. Ir-relazzjoni guridika bejn is-socjeta` attrici u l-persuna minnha inkarigata huwa aktar vicin ir-relazzjoni guridika li tohrog mill-istitut tal-appalt abbinat ma dak tal-mandat.

Fil-kaz odjern jirrizulta minghajr dubju illi s-socjeta` attrici giet inkarigata biex taffettwa certu servizzi, u jirrizulta wkoll illi biex teffettwa certu servizzi hija kellha anke tidher in rapprezentanza tal-importatur biex f’ismhu hija ggib il-merkanzija ghall-eventwali destinazzjoni miftiehma.

Is-socjeta attrici m’hiex qed tippretendi hlas semplistikament w unikament ghan-nol. Hija qed tippretendi hlas wiehed globali ghas-servizz komplissiv minnha rez.

Huwa evidenti ghalhekk illi kif sewwa anke gie ritenut mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-kawza ‘Customs & Freight Agency Limited vs HP Cole Limited’ Citazz 53/03 deciza fit-30 ta` Jannar 2006,

“Il-preskrizzjoni invokata ……… mhiex applikabbli ghall-azzjoni odjerna stante li l-Artikolu 544A, isemmi biss prezz ta` noll u xejn aktar, u ma jinkludix il-varji servizzi ohra rezi mis-socjeta` attrici lil ………., liema prezz jifforma l-mertu ta` din il-kawza.”

Illi ghalhekk it-Tribunal huwa tal-fehma illi l-Artikolu tal-preskrizzjoni sollevat mill-konvenut m’huwiex applikabbli ghall-kaz odjern u din l-eccezzjoni qed tigi respinta.

Il-kontestazzjoni fuq il-mertu tirrigwarda jekk kienx il-konvenut li verament talab is-servizzi li gew ipprestati mis-socjeta` attrici. M’huwiex kontestat li s-socjeta` attrici ipprestat is-servizz ta` *forwarding* pattwit. L-kwalita’ tas-servizz m’hux in dibattitu. Pero` l-konvenut qieghed isostni illi hu personalment ma inkarigax lis-socjeta` attrici u jekk kien hemm xi ordnijiet dawn ghamluhom it-tifel tieghu Noel u/jew il-mara tieghu Joanne Mercieca.

Jirrizulta wkoll mill-provi illi l-konvenut kellhu x'jaqsam mal-Gelateria Mezzan. Fiz-zmien meta sar is-servizz mertu tal-kawza odjerna, tali gelaterija kienet gestita minnhu u minn huthu izda, permezz ta` kuntratt fl-atti tan-Nutar Dr Paul George Pisani tad-19 ta` Marzu 2004, jirrizulta illi l-ahwa qasmu bejniethom u effettivament gie patwit bejniethom illi d-dejn tan-negozju, jigifieri tal-Gelateria Mezzan, sal-20 ta` Settembru 2003, gie assenjat lill-konvenut odjern liema konvenut ukoll ircieva n-negozju tal-Gelateria, pastizzeria, confetteria, u catering inkluz il-makkinarju u l-frizi kollha tal-gelat.

Daqshekk biss huwa bizzejjed biex jwassal ghall-konkluzjoni li l-konvenut huwa responsabbili ghall-hlas tal-mertu tal-kawza kemm ghaliex bejnu u hutu, stante n-natura kummercjali tal-operat, hemm is-solidarjeta, kif wkoll il ghaliex tali negozju u kull debitu pendenti u relattiv ghall-istess gie assenjat lilu.

Pero f'dan l-kaz ghalkemm jista` jkun il-kaz illi ma kienx il-konvenut personalment li attwalment ikkonferma l-ordni ghas-servizz li gie moghti mis-socjeta`attrici, it-Tribunal huwa sodisfatt illi tali konferma giet minn Joanne Mercieca u li l-istess Joanne Mercieca kienet debitament awtorizzata mil-konvenut biex tezegwixxi tali ordni. Bil-kunsens u aprovazzjoni tieghu, xoghol simili kien jaqa' entro l-mansjonijiet ta` xogholha. Il-konvenut ma jistghax l-ewwel jiehu l-beneficcju u imbaghad jipprova jiskansa mil-konsegwenti obbligazzjoni.

Illi ghalhekk huwa evidenti li huwa l-konvenut li ghandu jaghmel tajjeb ghal tali servizz u ghalhekk it-tieni u t-tielet eccezzjonijiet ghandhom jigu michuda wkoll.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta` u jiddeciedi billi jichad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ghar-ragunijiet fuq imsemmija u jichad ukoll iz-zewg eccezzjonijiet l-ohra eccepiti mill-konvenut u konsegwentement jilqa` t-talba tas-socjeta` attrici f'ammont ridott ta` seba` mija u disgha u disghin lira Maltin u tmienja u sittin centezmu (Lm799.86c). Is-servizz gie moghti f'Gunju 2003 u konsegwentement stante li si tratta ta` operat

kummercjali, l-interessi jiskattaw mid-data tas-servizz. Gghall-fini ta` pratticita it-Tribunal qieghed jistabbilixxi li l-imghax ghandu jibda jiddekorri mill-1 ta` Lulju 2004. L-ispejjez tal-kawza huma a` karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------